# Il-Presepju

Ħarġa Nru. 96
April - Ġunju 2018



Fuljett maħruġ mill-
GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - MALTA
c/o 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

Fuljett
maħrug kull tliet xhur mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza għandha tiġi ndirizzata lis-Segretarju,*
*Charles A. Bellia*
*56, Amaltea, Triq il-Marġ,*
*Attard ATD2382. Malta*

*IL-PRESEPJU*
*Jitqassam lill-Membri tal-Għaqda u għalhekk biex tirċevih ħallas il-miżata tiegħek regolarment billi tibgħat €5 lill-Kaxxier. Kontribuzzjonijiet oħra biex jinfdew l-ispejjeż ikunu ferm apprezzati.*

*L-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU Malta tirringrazzja lil kull min kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.*

Apprezzament speċjali jmur għas-Sinjura Jessie Chircop li ħadet ħsieb il-'proof reading'.

# Werrej

Editorjal ......................................................................3
Il-Kelma tal-President ......................................................................4
Konvenju għall-ħbieb tal-Presepju Ewropej ......................................................................5
General Data Protection Regulations ......................................................................7
Is-Sehem Tiegħek fil-Konvenju ......................................................................8
Storja ta' Beltem ......................................................................10
L-Istorja tal-Log Yule ......................................................................13
L-Isbaħ Rigal ......................................................................15



**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est.1924
36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 21224607 - 21228138
E-mail: emibonnici@gmail.com

# L-Editorjal

## *Il-Presepju - strument ta' Ħbiberija fid-Diversita!*

Dan huwa l-messaġġ li ser jiddomina l-Konvenju għall-Ħbieb tal-Presepju Ewropej li ser jitlaqqa' għall-ewwel darba f›Malta fi ftit xhur oħra. Messaġġ li jfisser ħafna għal min għandu *'rieda tajba'*.

Intgħażel dan is-suġġett għaliex, minkejja li l-presepju minnu nnifsu jitrasmetti messaġġ ta' ferħ u paċi, għal uħud huwa simbolu ta' għira marbuta ma' biża immaġinarju! Qed ngħid dan għaliex hawn min li, fil-waqt li f'idu l-waħda jħaddan il-presepju tiegħu, f'idu l-oħra jġorr trab iswed biex bih iħammeġ il-presepju ta' ħaddieħor.

Bniedem bħal dan ikun aktarx moħħu magħluq ... jemmen li għandu renju u fil-fantasija miskina tiegħu joħlom li xi ħadd qed jipprova joħodlu postu. Meta jasal f'din is-sitwazzjoni jibda jferrex it-trab iswed bla ma jinduna li qed iħammeġ il-presepju tiegħu stess. Ħrafa ta' Esopu li ssir realta meta, flok jaċċetta l-id tal-ħbiberija offruta lilu, l-bniedem, maħkum minn suppervja beżgħana, jibda jgħajjar lil dik l-id 'maħmuġa'. Dan, biex jipprova jdawwar telfa f'rebħa, jibda jgħawweġ id-diskors u jaqleb il-verita ta' taħt fuq; biex jieħu r-raġun, jibda jivvinta minn żniedu u jżeffen fin-nofs terzi persuni li minħabba ċirkostanzi partikolari ma jkunux jistgħu jafu l-verita.

Sa fl-aħħar tant dan il-miskin jintilef fit-tfiegħ tat-trab iswed u tajn, li ma jindunax li barra l-presepju tiegħu jkun ħammeg ukoll wiċċu, tant li jibda jaqa' wkoll għar-ridikolu. Il-ħasra hi li l-marda tiegħu tista' tinfirex fuq ta' madwaru, li għax ma jfittxux il-verita, ikollhom jemmnu u jsostnu dak li jkun qed jgħid, bla ma jindunaw li qed jitħammġu huma wkoll!

Għalhekk għażilna t-titlu ta' hawn fuq għall-Konvenju, għaliex irridu nsostnu l-messaġġ tal-Anġli fl-ewwel Milied meta kantaw: "u Paċi fl-art lill-Bnedmin ta' RIEDA TAJBA!"

**Charles Bellia**
**Segretarju/PRO.**

# Il-Kelma tal-President



Ħbieb,
Iż-żmien igerbeb u fadal biss erba' xhur għall-ikbar avveniment li qatt daħlet għalih l-Għaqda tagħna. Fis-7 ta' Novembru 2018 nagħtu bidu għal ħamest ijiem li matulhom ser nuru lil ħbiebna barranin dak li toffri Malta tagħna b'mod partikoplari fejn jidhol il-presepju. Ilna iktar minn sentejn naħdmu fuq dan il-proġett. Issa wasalna biex inwettquh. Il-Konvenju għall- Presepisti Ewropej wasal, issa bdejna naħdmu biex nirfinaw il-programm u dak kollu marbut miegħu.

Bi pjaċir ngħid li, minkejja l-problemi li diversi pajjizi qed jiffaċċjaw, numru sabiħ ta' dilettanti tal-presepju minn Stati Ewropej irreġistraw u ġejjin jiltaqgħu magħna biex iduqu ftit mill-atmosfera presepistika li noffru aħna l-Maltin. Dan għalina mhux biżżejjed! Irridu li dan il-Konvenju jkollu wkoll rappreżentanza tad-dilettanti tal-presepju Maltin. Irridu nagħtu prova li aħna mhux nitkellmu biss, imma meta l-presepju jsejħilna nattendu bi ħġarna.

L-iskop tal-Konvenju hu li nħalltu l-kultura tagħna ma' dik ta' pajjiżi oħra, u dawn il-ħbieb għalhekk ġejjin f'pajjiżna, biex jaraw kif nagħmlu l-presepju u fl-istess ħin jitkellmu dwar il-presepju tagħhom. Għalhekk nistennew li numru sabiħ ta' membri u dilettanti oħra jiġu u jieħdu sehem f'dan l-avveniment hekk interessanti. Għamilna pakkett attrajenti ħafna għall-membri tagħna li jixtiequ jieħdu sehem f'dan l-ewwel Konvenju li qatt sar Malta. Din ser tkun opportunita biex naqsmu l-idejat tagħna mal-presepisti barranin. Kull pajjiż għandu stil u drawwiet differenti li żgur ikunu ta' interess. Għalhekk inħeġġiġkom biex mill-aktar fis tibagħtu r-reġistazzjoni tagħkom u tgħinuna norganizzaw bl-aħjar mod possibbli.

Fi ftit ġranet oħra ser jibdew il-laqgħat għal dawk li offrew l-għajnuna tagħhom. Inħeġġiġhom iżommu l-entużjażmu għoli!

L-aħħar kelma hija għal dawk li ser jippreżentaw il-presepji tagħhom għal wirja/jiet ta' waqt il-Konvenju. Ibghatu l-formoli tagħkom biex intom ukoll tkunu qed tgħinu fl-organizzazjoni.

Grazzi u tislijiet.
Andrew Spiteri

# Konvenju għall-ħbieb tal-Presepju Ewropej

## Kunċert mill-Kor... *Jubilate Deo*

Bħal ma ħabbarna fil-ħarġa tagħna ta' Marzu, il-programm ippreparat tal-Konvenju għal Presepisti Ewropej ser ikun jinkludi Kunċert ta' Mużika Sagra fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina. Il-Kunsill tal-Għaqda tagħna mill-ewwel ried li dan il-kunċert ikun wieħed ta' livell għoli b'mużika ta' kompożituri Maltin jew li jkollha arranġamenti minn mużiċisti Maltin.



L-għażla waqgħet fuq il-Kor *Jubilate Deo* li, taħt it-tmexxija ta' Mro Christopher Muscat, huwa l-kor residenti tal-parooċċa dedikata lil Marija Bambina fin-Naxxar. Ma kelli ebda dubju dwar il-klassi ta' dan il-kor! In-Naxxar minn dejjem kellu korijiet tajbin. Daqs sittin sena ilu, meta kelli madwar 12 il-sena, jien ukoll kont nifforma parti minn wieħed minn dawn il-korijiet, dak iż-żmien immexxi minn Dun Karm Scerri u neputih is-Surmast Joseph Fenech li bejniethom ħallewlna patrimonju sħiħ ta' mużika sagra.

Il-Kor *Jubilate Deo* jaf il-bidu tiegħu fl-1974 meta Dun Pawl Caruana laqqa' flimkien grupp ta' tfajliet biex ikunu l-kor tal-parroċċa. Ftit taż-żmien wara żdiedu vuċijiet adulti li saħħu l-kor u poġġewh fit-triq tas-suċċess. Bil-mod il-mod il-kor stabilixxa ruħu fost l-aqwa korijiet Maltin ta' mużika sagra.

Fl-1980, il-kor ta l-ewwel preżentazzjoni kbira tiegħu meta interpreta diversi xogħlijiet tas-Surmast u kompożitur Naxxari Joseph Fenech. Pass ieħor 'l quddiem kien il-parteċipazzjoni fil-produzzjoni tal-BBC "*Songs of Praise*" li ntwera fuq it-televizjoni madwar id-dinja. Fl-1990 il- Kor anima l-folla waqt iż-żjara fostna tal-Papa S. Ġwann Pawlu II.

Fl-2004 it-tmexxija tal-Kor Jubilate Deo għaddiet f'idejn Mro Christopher Muscat li mill-ewwel beda bi programm ambizzjuż ta' tagħlim u tibdil. Il-kapaċita fit-tmexxija u l-istil ta› direzzjoni ta› Mro Muscat mill-ewwel bdew jagħtu l-frott. Fil-Milied 2005, l-Kor ippreżenta għall-ewwel darba f›Malta l-»*Oratorio di Natale*" ta' *Camille Saint-Saëns*. Din ir-rappreżentazzjoni

kkonfermat l-affinita tal-Kor mas-Surmast tiegħu u tat bidu għal sensiela ta' suċċessi flimkien mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta. Hawn ta' min isemmi tliet xogħolijiet li spikkaw: " *Messa da Requiem*" ta' Paolino Vassallo (2006), "Il-Wegħda" ta' Charles Camilleri (2007) u il-" *Missa Sancte Joseph*" ta' Joseph Fenech (2008).

F'Ġunju u Lulju tal- 2013 il-Kor *Jubilate Deo* irċieva xejn inqas minn tliet unuri ta' livell għoli. F'Ġunju ta' dik is-sena l-Kor kien regalat Ġieħ in-Naxxar għall-akkwisti li għamel fil-qasam tal-mużika sagra. Anqas minn xahar wara, s-Surmast Christopher Muscat, mexxa l-Kor għar-rebħ ta' żewg midalji tal-fidda f'Konkors Internazzjonali li sar f'Ruma. Ftit ġranet wara dan is-suċċess il-Kor *Jubilate Deo* kien ġie misieden ikanta fil-Basilika ta' San Pietru, Ruma akkompanjat mill-organista tal-Vatikan Mro Gianluca Libertucci.

Matul is-snin, il-versatilita u d-dedikazzjoni tal-kor Jubilate Deo komplew jattiraw stima li kienet ippremjata b'diversi inviti biex dan il-kor Naxxari janima l-liturgija kemm fil-Katidral Metropolitan fl-Imdina, kif ukoll fil-Kon-katidral ta' San Ġwann, fil-belt Valletta.



Il-kor tat-tfal "*Pueri Cantores*", li wkoll ser jieħu fil-Kunċert tal-Konvenju, huwa l-futur tal-*Jubilate Deo*. Fih, tfal minn sitt snin 'l fuq jingħataw tagħlim u jiġu mħarrġa mid-Direttriċi Daniela Callus biex anke huma jibnu r-repertorju tagħhom u jippreparaw ruħhom biex fil-futur jagħtu s-sehem tagħhom fil- Kor 'il-kbir' *Jubilate Deo*.

Dan kollu jawgura, li taħt id-Direzzjoni impekkabbli ta' Mro. Christopher Muscat, il-Kunċert tal-Konvenju, nhar it-8 ta' Novembru 2018, fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina, ser ikun suċċess ieħor għall-Kor *Jubilate Deo* u jgħati ġieħ lill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta.

**GDPR**
**GENERAL DATA PROTECTION REGULATIONS**
**(ara wkoll l-Avviż f'paġna oħra tal-fuljett)**

Fil-25 ta' Mejju 2018 daħlu fis-seħħ Regolamenti ġodda dwar l-użu tal-informazzjoni jew Data personali li kull Għaqda jew organizzazjoni ikollhom dwar il-membri tagħhom. Dawn ir-regolamenti huma magħrufa bħala GDPR jew il GENERAL DATA PROTECTION REGULATIONS. Dawn ir-Regolamenti qed ikomplu jsaħħu l-Liġijiet dwar il-Protezzjoni tad-Data, billi qed jgħidu li ħadd ma jista' juża informazzjoni jew Data personali jekk ma jkollux il-permess ddikjarat tal-persuna kkonċernata.
**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta** diġa kienet konformi mal-Liġi meta fuq l-applikazzjoni għal Sħubija, il-membru prospettiv kien mitlub jiddikjara li hu jaqbel li l-informazzjoni li kien qed jagħti dwaru setgħet tintuża mill-Għaqda biex tibgħatlu informazzjoni marbuta mal-iskopijiet tal-istess Għaqda.
L-informazzjoni personali mitluba minn kull membru tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta hija:

1. Isem, kunjom u indirizz.
2. Data tat-twelid u Nru tal-Karta tal-Identita
3. Numri telefoniċi u Mobile
4. Indirizz elettroniku (eMail)

L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta dejjem irrispettat il-privatezza tal-membri tagħha u għalhekk tiddikjara li:

1. Qatt ma għaddiet informazzjoni personali tal-membri tagħha lil terzi persuni.
2. Użat l-informazzjoni miġbura skond ix-xewqa espressa tal-membri kif iddikjarata fuq il-formola tal-Applikazzjoni għal Sħubija.
3. Użat l-informazzjoni miġbura biex iżżomm kuntatt mal-membri dwar attivitajiet u aħbarijiet relatati biss mad-delizzju u /jew l-iskop li għalih twaqqfet l-Għaqda fl-1986.
4. Ser tibqa' tuża l-informazzjoni b'dan il-mod biex tkompli tmexxi 'l quddiem il-kultura tal-presepju fil-Milied Malti.
5. Kull membru tal-Għaqda jibqa' jkollu d-dritt li jitlob aġġornament tal-informazzjoni dwaru miżmuma mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta. Jista' wkoll jitlob, permezz ta' ittra, jew eMail, mibgħuta apposta , li l-informazzjoni dwaru titneħħa minn fuq ir-reġistru / Database tal-istess Għaqda. F'każ ta' talba simili, l-Uffiċjal inkarigat mid-Database tas-sħubija fl-Għaqda jaġixxi skond it-talba b'mod immedjat.

# *Is-Sehem Tiegħek fil-Konvenju*



F'inqas minn ħames xhur oħra nkunu qegħdin f'nofs il-Konvenju Ewropew 2018. Inkunu qed nuru l-presepji tagħna u kif nagħmluhom lill- Ħbieb tal-Presepju li ġejjin apposta minn pajjiżi barranin. Ġejjin jingħaqdu magħna biex fil-waqt li jgawdu ftit mill-atmosfera tal- Valletta 2018, jiċċelebraw flimkien magħna l-Kultura tal-Presepju.

Minħabba ċirkostanzi li mhux il-ħin u l-post li jissemmew, in-numru ta' parteċipanti barranin mhux ser ikun xi wieħed kbir ħafna, iżda ser ikun wieħed sinjifikanti għal żewġ raġunijiet prinċipali:

1. Ser ikollna rappreżentanza minn pajjiżi li mhux soltu nassoċjaw mal-presepju tagħna.
2. Ser ikollna fostna rappreżentanza tal-*Federazzjoni Universali Presepistika* magħrufa aħjar bħala l-Un.Fœ. Pæ. Dawn ġejjin għal-Konvenju mhux biss bħala parteċpanti imma wkoll bħala uffiċċjali ta' din il-Federazzjoni. Naturalment nistgħu nobsru li dawn ser ikunu qed jaraw kif ser norganizzaw din l-attivita u kif ser tkun il-parteċipazzjoni tagħna f'dan l-avveniment uniku f'pajjiżna.

Għalhekk is-sehem tiegħek f'dan il-Konvenju huwa meħtieġ. Huwa importanti li nagħtu xiehda tal-kliem li ngħidu dwar kemm inħobbu l-presepju, jew kemm inħobbu l-Għaqda tagħna!

Il-Konvenju, għal raġunijiet ovvji ser isir fi żmien meta l-Milied ikun għadu xi ftit 'l bogħod ... f'Malta l-ispirtu tal-Milied idum ftit biex jiċċaqlaq. Bħal ma nafu tajjeb, jekk ma tkunx l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta, bil-wirja annwali fil-bidu ta' Diċembru, il-presepju jibda jintrama ġimgħa qabel il-Milied, jekk mhux ukoll aktar tard!

Din is-sena qed inħeġġukom tiċċelebraw il-presepju ftit aktar kmieni. Dan billi tieħdu sehem f'uħud mill-attivitajiet li ser isiru bejn is-7 u l-11 ta' Novembru. Barra milli ser ikunu kulturali u pjaċevoli dawn l-attivitajiet ser joffru opportunita biex il-membri tagħna jitaqgħu ma' ħbieb ġodda u jaqsmu magħhom it-tradizzjoni tal-Presepju f'Malta. Dan jista' jsir biss jekk int tieħu sehem fihom!

Mela, ibghat il-formola issa u rriserva postok!





**Parti ta' kif kienet amata l-wirja fil-Waterfront 2008**

**www.cribconventionmalta2018.org**

Dan hu l-website tal-Konvenju! Idħol fih biex taqra dwar dak li ppreparajna għal din l-okkażjoni unika! Bħal dejjem is-sehem tagħkom il-membri huwa bżonnjuż biex din l-attivita tirnexxi kif mixtieq. Għalhekk iddumx taħsibha! Irreġistra issa u kun parti mill-Konvenju!
Ara wkoll paġna ..... f'dan il-fuljett fejn issib aktar dettalji!

***AVVIŻ IMPORTANTI DWAR IL- GDPR***

Jekk ma tixtieqx li l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta tibqa tibgħatlek informazzjoni dwar attivitajiet, ecc. permezz ta' eMail jew SMS, kull ma għandek tagħmel hu li tibgħat ittra jew eMail lis-Segretarju tal-Għaqda u l-informazzjoni dwarek titneħħa minn fuq il-Mailing lists. Jekk it-talba tiegħek tkun biex l-informazzjoni dwarek titneħħa minn fuq id-Database, ikun ifisser li inti titlef is-sħubija tiegħek fl-Għaqda.



# *Storja ta' Betlem*

*Minn Frans Chircop*



L-isem Betlem jidher li ġie indikat f' ġebla żgħira li kienet tintuża bħala siġill u li fil-preżent tinsab fl-Eġittu. Din tappartjeni għall-arkivji tal-Farawni Akhenaton. Din il-ġebla titkellem dwar il-belt ta 'Bit Lahmu' li tinsab fit-territorju ta' Ġerusalemm. Huwa probabbli ħafna li l-isem oriġinali tal-belt ġej minn Lahmo, l-alla Chaldean tan-natura u l-fertilità li isimha ġie adottat mill-poplu Kananiż u modifikat għal Lahama.

Jekk wieħed jaċċetta din l-ipoteżi, t-traduzzjoni tal-isem Beit-el-Laham setgħet kienet "Kamra tal-Lahama", li kienet tagħmel sens minħabba l-fatt li din l-art kienet fertili ħafna u rikka fl-ilma. Barra minn hekk, fit-Testment il-Qadim il-belt tissejjaħ bl-isem *Beth Lechem*, *"House of Bread"*, u wkoll Ephrath, isem derivat mill-tribù li għex f'dawn il-postijiet, li jfisser litteralment "fedeltà" .

L-ismijiet aktar moderni wkoll jagħmlu referenza għall-idea ta' post fertili u abbundanti. Fil-Għarbi, Beit Lahm għandu s-sens "dar tal-laħam", li jirrifletti n-numru kbir ta' qatgħat ta' nagħaġ u mogħoż', waħda mill-attivitajiet prinċipali fiż-żona. Sadanittant, l-Ebrajk Beit-Lehem tfisser "dar tal-ħobż", kunċett li jintroduċi l-immaġni ta' Ġesù bħala l-ħobż ħaj li niżel mis-sema.




Fit-Testment il-Qadim il-belt hija msemmija bħala l-belt ewlenija u kolonja tal-tribù tar-Re David, stabbilit f'dawn l-artijiet minn madwar 1200 Q.K. Il-belt hija msemmija wkoll fl-Iskrittura Sagra bħala s-sede tal-qabar ta' Rachel, il-mara tal-Patrijarka Ġakobb. Dawn iż-żminijiet bibliċi kienu mmarkati minn sekli ta' gwerer u taqsim ta' territorji.

Fis-sena 586 l-armata Kannella ta' Nabucodonosor, wara li okkupat lil Ġudea,

ħadet lill-popolazzjoni Lhudija fil-Babilonja fejn għexu għal ħamsin sena fl-eżilju. Fl-aħħar ta' dan il-perjodu r-re Persjan Ċiru II ("Il-Kbir") ippermetta lil-Lhud li jirritornaw, u minn dak iż-żmien 'l quddiem il-belt ta' Betlem ġiet iffinanzjata mill-ġdid.

Il-Palestina, inkluża l-belt ta' Betlem, kienet okkupata minn Alessandru l-Kbir fis-sena 333 Q.K. u sussegwentament suġġetta għar-regola ta' Ptolomija minn 301 sa 198 Q.K., u mbagħad għal dik tas-Seleuċidi ta' Antiokja.

Bejn is-sena 167 u s-sena 164 Q.K. bdew il-persekuzzjonijiet tal-Lhud u nfetħet rivoluzzjoni anti-Sirjana mmexxija mill-Makkabej. Ir-renju ta' Hasmonean beda fis-sena 134 sena Q.K. u ġie estiż għat-territorju kollu, inkluża l-belt ta' Betlem, li damet madwar 70 sena sal-wasla tat-truppi Rumani.

It-territorji Palestinjani ġew maħkuma minn Pompej fis-sena 63 sena Q.K. u baqgħu taħt il-kontroll Ruman matul il-ħajja ta' Ġesù Kristu. It-territorji maħkuma mir-Rumani kienu maqsumin f'tibrarki varji. Fost dawn, il-belt ta' Betlem kienet taħt il-kontroll tar-Re Erodi I ("il-Kbir"), li madwar 30 sena Q.K. kellu palazz imsaħħan imsejjaħ 'Herodion' mibni fuq il-periferija tal-belt.

L-era li dwarha qed nitkellmu kienet immarkata b'mod ċar mill-avveniment tat-twelid ta' Ġesù Kristu, li ra l-wasla ta' l-era Kristjana u ħabtet ukoll ma' taqlib kbir tal-poplu Lhudi kontra r-regola Rumana. Fis-sena 6 W.K. Arkelaws ġie mneħħi u l-Ġudea ġiet inkorporata fil-provinċja Imperjali tas-Sirja u amministrata minn prokuraturi bbażati f'Ċesarea Maritima.




Meta Ġerusalemm kienet meqruda minn Titus fis-snin 70 W.K. Betlem kienet fortunatament meħlusa. Il-post qaddis kien diġà sit ta' qima mill-ewwel Kristjani li qiemu l-grotta li fiha twieled Ġesù. Matul dan il-perjodu, r-revoluzzjonijiet Lhud żdiedu fl-intensità u ġew imrażżna matul ir-renju ta' Adrijanu, li ddeċieda li jibni f'Betlem tempju pagan iddedikat lil Adonis fuq il-Grotta tan-Nativitá; u b'dan il-ġest kellu jiġi midfun u meqrud, flimkien ma' kull sinjal ta' Kristjaneżmu, kif diġà kien ġara lis-Sepulkru Mqaddes f'Ġerusalemm. Il-post f'dak iż-żmien kien messu l-istess xorti tal-postijiet qaddisa l-oħra b'eċċezjoni li dan baqa' fl-istat naturali tiegħu. Kif ġie ċċertifikat mill-kitbiet ta' Origen fejn qal li dejjem kien hemm memorja ċara

li kien f'dan il-post li Ġesù twieled. Minħabba r-ripressjonijiet brutali ħafna l-Ġudej-Kristjani telqu, u ħarġu mill-belt li ħallewha f'idejn il-pagani li dawn komplew bir-reliġjon tagħhom.



Il-libertà reliġjuża ġiet ipproklamata wara l-Editt ta' Konstantinu, fis-sena 313 W.K., u bdiet era ġdida għall-postijiet kollha tal-qima Kristjana. Mal-Konċilju ta' Niċea (325 AD) u permezz ta' rieda qawwija ta' l-Imperatriċi Santa Elena, wara l-iskavi meħtieġa beda x-xogħol ta' kostruzzjoni għall-Knisja tan-Nativitá, u b'hekk id-dinjita' tal-post tan-Nativita reġgħet ġiet stabilita. Ix-xogħlijiet spiċċaw fis-sena 333 W.K. u ssemmew li dan sar mill-Pellegrin anonimu ta' Bordeaux. Betlem sar ċentru reliġjuż kbir u, bil-wasla ta' San Ġirolmu fis-sena 384, bdiet fażi ġdida hekk kif il-belt saret kalamita għall-mod ta' ħajja monastika ġdida. Ġirolmu għamel kontribut kbir għall-istorja tal-Knisja permezz tat-traduzzjoni tiegħu, fuq talba tal-Papa Damasus, tal-Bibbja tal-post.

Individwu ieħor li kellu rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-monastċiżmu f'Betlem, kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa, kienet il-patrunaġġana Rumana Paula li, flimkien mat-tifla tagħha Eustochium, waslet f'Betlehem fis-sena 386 W.K. wżat ħafna mill-ġid li wirtet biex tiffinanzja żewġ monasteri ħdejn il-postijiet tan-Nativitá ta' Ġesù.

Wara l-mewt ta' Ġirolmu fis-sena 420 W.K. il-ħajja monastika f'Betlem naqset u fis-seklu ta' wara, il-belt ġiet mirbuħa mis-Samaritani ta' Nablus, li matul il-revoluzzjoni tagħhom (fis-sena 521 sas-sena 528) kontra l-imperatur Biżantin ħarqu l-knejjes u l-monasteri, (fis-sena 529). Wara dawn l-irvelli u wara l-qerda tal-Knisja tan-Nativitá, fis-sena 531 l-Imperatur Ruman, Ġustinjanu, fuq talba ta' San Sabas, reġa' rrestawra s-santwarju u reġa' bena mill-ġdid il-belt ta' Betlem, li kienet tinsab f' ħerba. Dak iż-żmien, l-ikbar tanbur tal-widna kien imżejjen b'mużajk li juri l-Maġi fil-kostumi Persjan.

Dan id-dettall irriżulta li ħeles il-qerda tal-knisja tan-Nativita meta kien hemm l-invażjoni mmexxija minn Chosroes fis-sena 614 W.K. L-armata Persjana meta rat il-mużajk tal-Maġi ħarbet bil-biża'. Fis-sena 629 l-Imperatur Heraclius rebaħ mill-ġdid it-territorji Palestinjani mill-Persjani.

Tkompli f'ħarġa oħra.....

# L-Istorja tal-Log Yule



Id-drawwa tal-ħruq tal-*Yule Log* tmur lura qabel iż-żminijiet medjovali. Oriġinarjament kienet tradizzjoni Nordika. *Yule* huwa l-isem tal-festi antiki tas-Solstizju tax-Xitwa fl- Iskandinavja u f'partijiet oħra tal-Ewropa ta' Fuq, bħall-Ġermanja.

*Yule Log* (zokk kbir tal-injam li skont it-tradizzjoni jinħaraq lejlet il-Milied) kien oriġinarjament siġra sħiħa, li kienet magħżula bir-reqqa u tiddaħħal fid-dar b'ċerimonja kbira. L-akbar tarf taz-zokk ikun imqiegħed fil-qalba tan-nar filwaqt li l-bqija tas-siġra toħroġ fil-kamra! Iz-zokk jinxtegħel mill-fdalijiet taz-zkuk tas-sena ta' qabel li kienu jkunu ġew maħżuna bir-reqqa u jintefgħu bil-mod fin-nar matul it-Tnax-il Ġurnata tal-Milied. Kienet xi ħaġa importanti li l-proċess tad-dwal jerġa' jitqabbad minn xi ħadd b'idejh ndaf. Illum il-ġurnata, ovvjament, ħafna nies għandhom *Central Heaters* u għalhekk huwa diffiċli ħafna li tinħaraq siġra!

Fi Provence (fi Franza), hija tradizzjoni li l-familja kollha tgħin biex jaqtgħu z-zokk u jżommu biċċa miz-zokk tinħaraq kull lejl. Jekk xi ftit miz-zokk ma jinħaraqx matul it-Tnax-il Lejl, dan jinżamm merfugħ fid-dar sal-Milied li jmiss... biex kif tgħid it-tradizzjoni dan jipproteġi lil familja mis-sajjetti! F'xi partijiet tal-Olanda, dan kien isir ukoll, iżda b'differenza li z-zokk kellu jintrefa' taħt xi sodda! F'xi pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant, iz-zokk ikun maqtugħ (*Yule Log*) f'lejlet il-Milied u kellu jinħaraq dak il-lejl stess. F'Cornwall (fir-Renju Unit), il-log jissejjaħ ***'The Mock'***. Dawn inixxfu z-zokk u mbagħad il-qoxra titneħħa qabel ma tidħol fid-dar biex tinħaraq. Fir-Renju Unit ukoll, dawk li jfasslu l-btieti, kienu jagħtu lill-klijenti tagħhom zkuk qodma li ma setgħux jużaw biex jagħmlu barmil għaz-zkuk. L-użanza tal-*Yule Log* infirxet madwar l-Ewropa u zkuk differenti tal-injam jintużaw f'pajjiżi differenti. Fl-Ingilterra, l-ballut huwa tradizzjonali; fl-Iskozja, huwa l-*Birch*; filwaqt li fi Franza, jużaw il-betula. Barra minn hekk, fi Franza, z-zkuk ikunu mbexxa' bl-inbid, qabel ma jinħaraq, sabiex ikun hemm riħa pjaċevoli meta jinxtegħel.




F'Devon u f'Somerset fir-Renju Unit, xi nies iżommu mazz kbir ħafna ta' friegħi tal-fraxxnu minflok iz-zkuk. Dan ġej minn leġġenda tal-post fejn tgħid li San Ġużepp, Marija u Ġesù kienu kesħin ħafna meta r-rgħajja sabuhom fil-Lejl tal-Milied. Allura r-rgħajja kebbsu xi għenieqed

tal-fraxxnu biex iżommuhom sħan. F'xi partijiet tal-Irlanda, n-nies għandhom xemgħa kbira minflok il-*Yule Log* u dawn jixelugħha biss f'lejlet l-Ewwel tas-Sena u fit-Tnax-il Lejl. Hemm id-drawwa li jbexxu kimiċi differenti fuq il-log bħal inbid biex jagħmlu fjammi kkuluriti. Ftit kimiċi differenti li jużaw huma dawn:-
Potassium Nitrate = Vjola
Nitrat tal-barju = *Apple Green*
Boraxx = Aħdar jgħajjat
Sulfat tar-Ram = Blu
Melħ tal-mejda = Isfar ċar
Dawn jagħmlu ħafna ħsejjes u xi kultant ikunu perikolużi ħafna, għalhekk, jekk jogħġobkom tippruvawhomx. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-irmied taz-zkuk ikun tajjeb ħafna għall-pjanti. Dan huwa veru, minħabba li l-irmied minn injam maħruq fih ħafna 'potassa', li tgħin il-fjuri tal-pjanti. Imma jekk wieħed jarmi l-irmied fil-ġurnata tal-Milied, kienet meqjusa bħala xi ħaġa li taf iġġiblek il-gwaj. Illum il-ġurnata l-*Yule Log* sar parti mid-deżerta tal-Milied. Tkun magħmula miċ-ċikkulata b'ħafna togħmiet li jaqsmulek qalbek. *Yule Log* taċ-ċikkulata, jew kif inhu magħruf fi Franza, jissejjaħ *'bûche de Noël'*. Dan tradizzjonalment jittiekel fi Franza u fil-Belġju, fejn huwa magħrufa bħala '*Kerststronk*' bil-Flemish. Dan ikun magħmul minn romblu tal-ispanġ taċ-ċikkulata u b'saffi bil-krema. In-naħa ta' barra hija miksija biċ-ċikkulata jew bis-silġ taċ-ċikkulata, li meta taraha imżejna taħseb li qed tara qoxra ta' zokk. Xi nies iżidu dekorazzjonijiet oħra bħall-faqqiegħ tal-marżipan!

**Superstizzjonijiet rigward il-Yule Log**

• Ladarba jinxtegħel, iz-zokk għandu jinħaraq matul it-Tnax-il jum tal-Milied, inkella l-familja jkollha xorti **ħażina** matul is-sena li tkun ġejja.
• Jekk ikun hemm diffikultà biex jinxtegħel iz-zokk kienu jaħsbu li ser ikollhom sena ħa**żina**.
• Iz-zokk għandu jinħaraq bin-nar li jkun qed jinxtegħel fil-ġurnata tal-Milied u **ħafna** nies kienu jemmnu li jekk iżommu biċċa miz-zokk mis-sena ta' qabel dan kien iġibilhom ri**ż**q tajjeb.
• Huwa sinjal ħażin **ħafna** jekk iz-zokk jintmess minn mara li tkun ħafja jew raġel werċ.
• Jekk jidħol xi ħadd barrani fid-dar waqt li z-zokk jkun qed jaqbad dan ikun sinjal ħażin.
• L-irmied taz-zokk jitqiegħed ukoll fl-għeruq ta' siġar tal-frott u dwieli biex jgħinhom ikollhom **ħsad** tajjeb.
• Meta wieħed kien iżomm xi biċċa miz-zokk, dan jingħad li kien jipproteġi d-dar minn nar, jew sajjetti, jew silġ. L-irmied taz-zokk kien jintefa' fil-bjar biex iżomm l-ilma tajjeb.
• Jekk il-fjamma tan-nar kienet titfa' dell ta' xi **ħadd** mingħajr ras, kienu jitwerwru għax kienu jibżgħu li dik il-persuna kienet ser tmut fis-sena li ġejja.

# *L-Isbaħ Rigal*

***Marianne Tabone***



Maria, kienet l-hena tagħha tisma' l-aħbarijiet fuq ir-Radju tar-raħal. Kienet tħoss li b'hekkk kienet iżżomm kuntatt ma' dawk in-nies tar-raħal li għalkemm ma tkunx tafhom mill-qrib imma xorta kien jinteressaha ssir taf dwarhom.
Darba semgħet lill-preżentatur jgħid li l-fabbrika li kien hemm fir-raħal tal-qrib kienet għalqet u li ħafna nies, fosthom ħafna mir-raħal kienu tilfu l-post tax-xogħol tagħhom. Inzertat kienet taf li Kevin, ir-raġel ta' Lilian, kien jaħdem hemm. Tgħidx kemm inkwetat għalihom. It-tifla kienet għadha żgħira u l-ispejjeż tal-iskola kienu dejjem jiżdiedu.
It-tewmin kienet tibgħathom għand is-sorijiet biex hi tagħmel xogħol *part time*. Il-paga ta' dan ix-xogħol ma kinitx biżżejjed għall-bżonnijiet tal-familja. Maria ħasbet fuq li ħasbet x'setgħet tagħmel biex tagħti daqqa t'id. Fl-aħħar ġie ħsieb f'moħħha. Setgħet iżżommilha t-tewmin hi biex tiffrankalha l-miżata tas-sorijiet. Dakinhar marret għand Lilian u offritilha l-għajnuna. Għall-ewwel Lilian stħat minn Maria imma l-bżonn kien kbir u aċċettat l- għajnuna.
Kien qed joqrob żmien il-Milied u t-tfal bdew jaraw il-ħwienet imżejnin b'tiżjin tal-festa. Kien hemm pasturi u maxturi żgħar u anke akbar, bambini ta' kull daqs u tiżjin għall-ħitan u s-soqfa tal-kmamar.
It-tifla bdiet tiġi mill-iskola u titkellem fuq it-tiżjin tal-klassi. Bdiet titlob lil ommha biex tixtri xi ftit tiżjin għad-dar tagħhom. Karen kienet għadha żgħira u ma setgħetx tifhem għaliex ma setax ikollhom tiżjin.
Beda joqrob iż-żmien tal-festa qaddisa. Maria ndunat bil-problema li kellha l-familja. Xtrat għar, maxtura u pasturi. Kien hemm Maria, Ġużeppi u Bambin. Imbagħad xtrat ftit rgħajja u ngħaġ u karattri oħra li soltu kienu jagħmlu parti mill-presepju.
Maria poġġiet ix-xirja kollha ġo basket biex tieħu kollox għand Lilian. Kienet iżżomm iċ-ċavetta għal li jista' jkun. Għalhekk daħlet hi u t-tewmin u bdiet tarma l-presepju. Ħasbet li l-aħjar post kien fil-kċina.
Lilian ma damitx ma ġiet lura bit-tifla. Sabu lit-tewmin eċċitati u jgħajtu kemm jifilħu. Il-ferħ kien kbir meta raw il-presepju armat fil-kċina. Maria kienet ferħana daqshom għax il-ferħ li nagħtu lil ħaddieħor jiġi lura ġewwa fina.
Dik is-sena ż-żewġ familji għaddew il-festa flimkien. Il-presepju kien iċ-ċentru tal-kċina. L-ikla saret madwar il-familja mqaddsa. Il-presepju kien ġab ferħ, sewwa fil-familja li kellha bżonn l-għajnuna u anke f'qalb dik li kienet tat l-għajnuna.






Giuseppe Di Iorio Chieti (ITALIA) Natale 2004


WIRJA 2012
Michael Seychell
Polistirene
Polystyrene

